# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 65/2023/09

**Data tal-laqgħa:** 10 ta' Ottubru, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fl-16:00hrs.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

### Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

| | |
|---|---|
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

65.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Ritienne Caruana li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa fil-familja, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 63

65.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 63 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 65.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 64

65.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 64, liema laqgħa kienet ġiet ikkanċelata minħabba li l-Kunsilliera ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa. Wara proposta mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 65.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

65.4.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-President's Fun Run 2023 fejn il-Kunsill intalab jipprovdi trasport minn Hal Kirkop għall-Palazz tal-Verdala u lura mill-Belt Valletta għal Hal Kirkop, nhar is-Sibt, 11 ta' Novembru.

65.4.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill jorganizza trasport minn Ħal Kirkop għall-Palazz tal-Verdala, dejjem jekk ikun hemm konkorrenza.

65.4.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba għal *No Objection* mingħand is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp biex isir *one day event*, attività għall-Halloween nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru, 2023 fi Triq il-Parroċċa, Ħal Kirkop.

65.4.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li ma jsibux oġġezzjoni għal din l-attività sakemm jinġiebu l-permessi meħtieġa inkluż dak tal-Pulizija.

65.4.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand is-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli fejn talbet li tiltaqa' mas-Sindku, l-Kunsilliera u l-ħaddiema tal-Kunsill, nhar il-25 ta' Ottubru, 2023 fil-11.00 ta' filgħodu.

65.4.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u bi pjaċir laqgħu din it-talba.

65.4.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-WasteServ rigward il-European Week for Waste Reduction 2023 li din is-sena ser tiġi organizzata bejn it-18 u s-26 ta' Novembru.

65.4.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li, minħabba l-attivitajiet tal-Milied li jirrikjedu volum ta' xogħol kbir u l-ħaddiema huma ftit, din is-sena ma jieħdux sehem fil-kompetizzjonijiet marbuta ma' din il-kampanja.

65.4.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva risposta fir-rigward tat-tismija ta' Sqaq tal-Isqof li kien ġie deċiż li jissemma Sqaq tal-Isqof Nru. 1 u Sqaq tal-Isqof Nru. 2.

65.4.5.1 Is-Sindku kompla jgħid li l-proposta tal-Kunsill ma kinetx ġiet aċċettata u li l-Kumitat għat-Tismija tat-toroq kien aċċetta biss li l-parti tal-isqaq li tinsab fi Triq l-Industrija tissemma Sqaq tal-Isqof.

65.4.5.2 Infatti l-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq kien talab isem ieħor għall-parti tal-isqaq fi Triq Valletta.

65.4.5.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-parti tal-isqaq fi Triq Valletta tissemma Sqaq il-Mitjar.

65.4.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *update* tal-kuntratt tal-kera tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Dan l-*update* kien jgħid li valur tal-kera huwa ta' €4050 fis-sena, liema kera ser tiġi ssusidjata għal €500. Dan il-valur juri żieda ta' €52.76 fuq il-ħlas tas-snin preċedenti peress li l-Kunsill kien iħallas €447.24.

65.4.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-kuntratt u qablu li dan jiġi approvat u ffirmat.

65.4.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba għall-għajnuna mill-parroċċa fir-rigward tat-tħejjija ta' boroż ta' San Martin għat-tfal ta' Ħal Kirkop fl-okkażjoni tal-festa ta' San Martin. Din l-attività ser tiġi organizzata fit-12 ta' Novembru, 2023.

65.4.7.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li l-Kunsill jgħin fl-ispejjeż biex issir din il-borża għal 100 tifel u tifla.

65.4.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mill-Iskola Sekondarja biex isir il-ħlas ta' €15 għal sena sħubija fin-Nature Trust.

65.4.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u talbu li l-Kunsill jistenna sakemm ikollna l-laqgħa mas-Surmast qabel ma jkun hemm approvazzjoni ta' dan il-ħlas.

65.4.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba għan-*No Objection* dwar in-Nofs Maratona taż-Żurrieq li ser tiġi organizzata nhar il-Ħadd, 12 ta' Novembru, 2023 u li ser tkun qed tgħaddi minn Ħal Kirkop.

65.4.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li ma jsibux oġġezzjoni biex issir in-Nofs Maratona taż-Żurrieq, nhar il-Ħadd, 12 ta' Novembru, 2023.

65.4.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Primary Health Care rigward programm ta' diskussjonijiet edukattivi dwar is-saħħa. Jekk il-Kunsill ikun interessat dawn id-diskussjonijiet jistgħu isiru fil-Kunsill bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa mill-10.30am sal-11.15am.

65.4.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja li hija interessanti ħafna iżda sfortunatament kull meta organizzajna xi sessjonijiet ta' din ix-xorta ma jkollniex konkorrenza u l-istess taħdidiet diġà saru fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

65.4.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward laqgħat dwar skemi ta' parkeġġ residenzjali fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

65.4.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li r-Reġjun Punent kien alloka fondi biex isiru *traffic calming measures* fil-lokalitajiet. Dan il-fond ilaħħaq €5000 għal kull Kunsill fi ħdanu.

65.4.12.1 Apparti hekk, ir-Reġjun kien ivvota €2091.76 għall-Kunsill ta' Ħal Kirkop biex jintużaw f'tabelli u sinjali tat-traffiku.

65.4.12.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dawn il-fondi u ser ikunu qed jaraw fejn ser jintużaw. Il-Kunsill huwa mitlub li jibgħat id-dettalji qabel kull intervent li jkun ser isir.

65.4.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-ERA rigward spezzjonijiet li kienu saru fuq il-kollettur tal-ġbir ta' skart u kif ukoll fuq ġbir ta' boroż b'kulur differenti minn kif skedat.

65.4.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand ir-Reġjun Punent rigward Memorandum of Understanding ma' Visual Non-Visual Network biex ikun hemm ħidma flimkien għall-ġid tal-komunità.

65.4.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *update* tal-kuntratt li kien qed jiġi propost biex jiġi ffirmat bejn ir-Reġjun u l-Malta Libraries rigward il-libreriji reġjonali u lokali.

65.4.15.1 Is-Sindku spjega li kien hemm laqgħa dwar dan u li għaliha ma setgħax jattendi. Hu qal li f'din il-laqgħa ma kienx hemm qbil dwar l-ispejjeż *extra* li qed jintalbu nagħmlu l-Kunsilli u l-Kunsill mhux lest li jiffirma dan il-kuntratt bil-kundizzjonijiet kif qegħdin.

65.4.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill permezz tas-Segretarju Eżekuttiv ħa sehem f'*micro-placement reel* bħala promozzjoni għall-Institute of Education.

65.4.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti rigward il-laqgħa li ser issir mas-Surmast tal-Iskola Sekondarja biex jiġu diskussi diversi punti fejn il-Kunsill u l-iskola jistgħu jaħdmu flimkien b'risq l-istudenti u ċ-ċittadini tal-lokalità.

## 65.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

65.5.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

65.5.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

65.5.3 Il-Kunsillier Cody Galea qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

## 65.6 Rapport tal-Ilmenti

65.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 65.7 Sejħa għall-Offerti – Knis ta' Toroq

65.7.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-evalwazzjoni tat-tender dwar l-offerta tal-knis ta' toroq kienet għada ma ġietx iffinalizzata u kienet għada qed tiġi diskussa.

65.7.2 Għal dan il-għan il-Kunsilliera kienu qablu li jkomplu bis-servizz ta' emerġenza, kif maqbul f'seduta nru. 63, minuta 63.3.6, biex Ħal Kirkop ikollu kennies u ma jispiċċax mingħajr servizz tal-knis.

## 65.8 Proġett ta' Ġnien Rousset

65.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Perit kien għamel verżjoni ġdida tal-pjanti tat-tisbieħ ta' Ġnien Rousset u dawn kienu qed jiġu diskussi mal-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar.

## 65.9 GIGANTIC – Kirkop's Local Christmas Market

65.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kif kien ġie diskuss waqt il-*brainstorming meeting* il-preparamenti għall-GIGANTIC – Kirkop's Local Christmas Market kienu mixjin ġmielhom.

65.9.2 Is-Sindku Terence Agius qal li l-applikazzjonijiet għall-artiġjanat u l-vendituri kienu miftuħa u sa issa kien hemm konkorrenza tajba.

65.9.3 Is-Sindku kompla jgħid li l-amministrazzjoni kienet qegħda taħdem fuq il-loġistika tal-attività biex l-andament ikun wieħed tajjeb peress li r-riżorsi umani huma limitati u minbarra l-attività x-xogħol ta' kuljum irid ikompli għaddej.

65.9.4 Il-Kunsilliera preżenti rringrazzjaw lis-Segretarju Eżekuttiv li kienet qed taħdem qatigħ fuq din l-attività minkejja x-xogħol kollu li għandha.

65.9.5 Il-Kunsilliera qalu li kienu ser jaraw meta jistgħu jiġu jagħtu daqqa t'id fil-preparamenti.

## 65.10 Proġett us4EU – Event II - 18-21 Oct – Bordeaux, Franza

65.10.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien ser jipparteċipa fit-tieni laqgħa tal-Proġett Ewropew bit-tema 'Strengthening European Identity in Times of Crises', li ser isir f'Bordeaux fi Franza bejn it-18 u l-21 ta' Ottubru, 2023.

## 65.11 Proġett us4EU – Event III - 13-16 Dec – Ħal Kirkop, Malta

65.11.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li t-tielet laqgħa tal-Proġett Ewropew bit-tema 'Strengthening European Identity in Times of Crises', ser issir f'Ħal Kirkop bejn it-13 u s-16 ta' Diċembru, 2023.

65.11.2 Il-Kunsill ser ikun qed jaħdem bi sħiħ biex jilqa' fil-lokalità delegazzjoni magħmula minn diversi membri minn 14-il pajjiż differenti. Dan jagħmel unur u riklam lil din il-lokalità li għalkemm żgħira fid-daqs fiha ħafna x'toffri.

## 65.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

65.12.1 Il-listi ta' pagamenti Skeda Nru. 141 u Sekda Nru. 142 kif annessi, ġew imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

65.12.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-listi ta' pagamenti Skeda Nru. 141 u Sekda Nru. 142 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 65.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

65.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

65.13.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 9 ta' Novembru, 2023 fl-16:30hrs.

65.13.3 Il-laqgħa ntemmet fis-19:15hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 9 ta' Novembru, 2023

**Mozzjoni Ref:** 332/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 63.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 10 ta' Ottubru, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 333/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 64.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 10 ta' Ottubru, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 334/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-listi ta' pagamenti Skeda Nru. 141 u Skeda Nru. 142.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 10 ta' Ottubru, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**